



BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

ta' 1-20 ta' Mejju, 2005

**lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea
dwar l-awdituri esterni tad-De Nederlandsche Bank**

(BĊE/2005/9)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-iStatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikolu 27.1,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Ewrosistema huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrikkmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat ta' l-awditur estern ta' bħalissa tad-De Nederlandsche Bank (minn issa 'l quddiem 'DNB') skada u mhux se jiġġedded. Jinhtiegħ għalhekk jinħatar awditur estern mis-sena finanzjarja 2005.
- (3) DNB għażel lil Josephus Andreas Nijhuis, Akkawntant Reġistrat u president tal-bord tad-diretturi ta' PricewaterhouseCoopers BV, fil-kapaċità` tiegħu personali, bħala l-awditur estern, mis-sena finanzjarja 2005, u l-BĊE jikkunsidra li l-awditur magħżul jissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa għall-ħatra.
- (4) Il-mandat ta' l-awditur estern se jkun għal perjodu indeterminat, imma għandu jkun ikkonfermat kull sena,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rikkmandat li Josephus Andreas Nijhuis, Akkawntant Reġistrat u president tal-board tad-diretturi ta' PricewaterhouseCoopers BV, fil-kapaċita` tiegħu personali, għandu jinħatar bħala l-awditur estern tad-DNB mis-sena finanzjarja 2005 għal perjodu indeterminat bil-kundizzjoni li jkun ikkonfermat mill-ġdid kull sena.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fl-20 ta' Mejju, 2005.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET